Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13668/16

POLGEN 126
INST 441
CODEC 1512
PE 100

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ottubru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 710 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 It-twettiq bil-fatti ta' Ewropa li tipproteġi, li tagħti s-setgħa u li tiddefendi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 710 final.

Mehmuż: COM(2016) 710 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 25.10.2016
COM(2016) 710 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017

It-twettiq bil-fatti ta' Ewropa li tipproteġi, li tagħti s-setgħa u li tiddefendi

{SWD(2016) 400 final}

MT MT

I. L-EWROPA TINSAB F'PUNT KRITIKU

L-Ewropej jafu u jaraw kuljum f'ħajjithom il-konsegwenzi tal-isfidi li għadhom magħna. Irkupru ekonomiku li għadu fil-bidu u għad irid jikseb benefiċċji għal kulħadd fis-soċjetajiet tagħna, speċjalment biex joħloq l-impjiegi għaż-żgħażagħ u jnaqqas l-inugwaljanzi. Il-flussi tal-migrazzjoni, li ġarrbu l-fruntieri esterni tagħna u jibqgħu sfida għall-kapaċità tal-Unjoni li tipprovdi solidarjetà. Theddida terroristika għolja. Instabbiltà kontinwa tagħna fil-viċinat tal-lvant u tan-nofsinhar. Li issa magħhom irridu nżidu l-inċertezza b'riżultat tar-referendum tar-Renju Unit.

Peress li smajna lill-Ewropej, aħna fhimna li qed ifittxu tweġiba għal dawn l-isfidi u protezzjoni minn dawn it-theddidiet. Huma qegħdin ifittxu għall-mezzi li jistgħu jagħtuhom is-setgħa biex jinbena ġejjieni sostenibbli għalihom u għall-familji tagħhom. U qed ifittxu perspettiva: assigurazzjoni li l-governanza fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew tista' b'mod kollettiv tilħaq l-aspettattivi tal-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada.

Kummissjoni li tiffoka fuq affarijiet importanti...

Mill-bidu tal-mandat tagħna, din il-Kummissjoni stabbilixxiet bħala l-prijoritajiet tagħha li tiffoka fuq l-affarijiet il-kbar, fejn azzjoni Ewropea effettiva tista' tagħmel differenza konkreta sabiex nindirizzaw l-isfidi li qed jiffaċċjaw iċ-ċittadini Ewropej, l-Istati Membri tagħna u fl-Unjoni kollha kemm hi. Matul l-aħħar sena għamilna progress sod fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji li stabbilixxejna fil-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, is-Suq Uniku Diġitali, l-Unjoni tal-Enerġija, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Korporattiva Ġusta u Effiċjenti, l-Istrateġija Kummerċjali ġdida, il-Passi lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, l-Istrateġija tas-Suq Uniku, u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari.

Billi ffokajna fuq l-affarijiet il-kbar, u qsamna dawn il-prijoritajiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, wassalna riżultati rapidi u tanġibbli f'oqsma ewlenin. F'sena biss, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ġie attivat f'27 Stat Membru u wassal għal EUR 138 biljun f'investimenti, inkluż finanzjament ġdid għal kważi 300 000 intrapriża żgħira u ta' daqs medju. Għamilna progress sostanzjali sabiex nerġgħu niksbu l-kontroll tal-flussi migratorji irregolari u sabiex nipprevjenu l-imwiet fuq il-baħar Eġew u l-baħar Mediterran. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta diġà qed taħdem biex issaħħaħ il-kontroll tal-fruntieri esterni tagħna sa biss għaxar xhur wara li l-Kummissjoni pproponietha. Fl-istess ħin, l-Ewropa wriet solidarjetà ma' miljun Sirjan li sabu kenn u protezzjoni hawnhekk. U rrilokajna u rrisistemajna 'l fuq minn 15 000 refuġjat oħra f'dawn l-aħħar 12-il xahar. F'dawn l-aħħar tliet xhur konna lħaqna medja ta' madwar 1 000 rilokazzjoni fix-xahar. F'Settembru, iċ-ċifra żdiedet għal 1 200 rilokazzjoni. Id-distakk bejn il-bżonnijiet attwali ta' rilokazzjoni u r-rilokazzjonijiet effettivi mill-Greċja issa qiegħed jonqos, iżda jeħtieġ li dawn l-isforzi jinżammu fix-xhur li ġejjin, u r-rilokazzjoni mill-Italja tissaħħaħ b'mod sinifikanti.

Dan il-Programm ta' Ħidma jippreżenta l-inizjattivi ewlenin[1] li l-Kummissjoni timpenja ruħha li tikseb sal-aħħar tal-2017. Dawn il-proposti konkreti huma l-aktar mod viżibbli li bih il-ħidma tagħna se tikkontribwixxi fil-proċess ta' tiġdid qabel is-sittin anniversarju tat-Trattati ta' Ruma f'Marzu 2017. U aħna se nkunu qegħdin nikkooperaw mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill sabiex niżguraw li dawn u proposti oħra ewlenin li saru f'dawn l-aħħar snin ikunu adottati malajr, biex ikunu jistgħu jħallu impatt tanġibbli fil-post.

... u Kummissjoni li tiffoka fuq li l-affarijiet isiru aħjar

Iżda l-kondiviżjoni tal-iffissar ta' prijoritajiet hija biss mod wieħed kif it-titjib tal-mod kif naħdmu flimkien fil-livell Ewropew jista' juri lill-Ewropej li l-istrutturi ta' governanza tagħna huma verament għas-servizz tagħhom. Dan peress li nagħmlu l-affarijiet aħjar huwa importanti għall-fiduċja taċ-ċittadini daqs li nagħmlu l-aħjar affarijiet.

Din hija r-raġuni għaliex matul ix-xhur li ġejjin aħna se nagħtu attenzjoni partikolari lil-lat operazzjonali tal-ħidma tagħna: naċċertaw li l-liġijiet Ewropej eżistenti huma applikati u infurzati b'mod xieraq u għadhom adattati għall-iskop; nipprovdu sostenn strutturali, pereżempju fil-Greċja; insaħħu l-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u nindirizzaw l-ostakli għall-investiment; u nikkooperaw mal-Istati Membri, l-Imsieħba Soċjali u s-soċjetà ċivili biex ngħinu fil-ħolqien ta' ambjent ta' appoġġ għat-twettiq tal-objettivi ta' politika tal-Unjoni, inkluż permezz tal-użu effettiv tal-mezzi baġitarji għad-dispożizzjoni tagħna. Din is-sena se nintensifikaw b'mod partikolari l-isforzi tagħna fir-rigward tal-aġenda tal-infurzar, għax anki l-aqwa liġi hija inutli jekk ma tagħtix riżultati konkreti fil-prattika.

Aħna se nibqgħu wkoll napplikaw prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar fil-ħidma kollha tagħna, sabiex dak li nagħmlu dejjem jiġi vvalutat jekk hux effettiv u proporzjonat sabiex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-għanijiet tal-politika li stabbilixxejna. Ħafna mill-inizjattivi ewlenin li se nippreżentaw is-sena d-dieħla jinkludu proposti li jirriżultaw minn evalwazzjonijiet dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (regulatory fitness, REFIT) u li se jaġġornaw u jtejbu l-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex din tkompli tilħaq l-objettivi tagħha b'mod effettiv u mingħajr piżijiet żejda.

Lil hinn minn inizjattivi ewlenin, se nipproponu għadd ta' reviżjonijiet REFIT oħra għal-liġijiet attwali[2], u fil-ġejjieni se nippruvaw niksbu l-għanijiet tar-REFIT kull meta l-liġi eżistenti tkun imissha tiġi riveduta. Waqt li stabbilixxejna l-prijoritajiet tagħna għax-xhur li ġejjin, ħadna kont partikolari tat-22 opinjoni tal-Pjattaforma REFIT. Qed naħdmu jew nippjanaw ħidma fl-oqsma kollha koperti minn dawn l-opinjonijiet[3]. Fl-istess ħin ma' dan il-Programm ta' Ħidma, qed nippubblikaw Tabella ta' Valutazzjoni li tistabbilixxi fid-dettall is-segwitu għall-Pjattaforma REFIT opinjonijiet u l-isforzi għaddejjin sabiex jiġu evalwati u

---

[1] Anness I.
[2] Anness II.
[3] Bl-eċċezzjoni ta' dikjarazzjoni standard tal-VAT, li fuqha proposta preċedenti tal-Kummissjoni kellha tiġi rtirata din is-sena minħabba nuqqas ta' appoġġ min-naħa tal-Kunsill fil-proċedura leġiżlattiva. Eżempji ta' segwitu tal-Kummissjoni fil-Programm ta' Ħidma ta' din is-sena jinkludu: il-proposti għall-emenda tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-privatezza elettronika u l-VAT (ara l-Anness I), u l-proposta għal att ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva tal-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE) (ara l-Anness II).

riveduti l-liġijiet eżistenti, filwaqt li qed nipproponu wkoll it-tħassir ta' għadd ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni li ma għadhomx validi[4]. Nipproponu wkoll li jiġu rtirati għadd ta' proposti pendenti li teknikament għadda żmienhom jew ma għadhomx jaqdu l-għan tagħhom, biex nippermettu lill-koleġiżlaturi jiffokaw fuq il-proposti li huma tassew importanti[5].

Aħna se nkomplu wkoll nistabbilizzaw il-bidliet li għamilna fil-mod kif naħdmu. F'dawn l-aħħar sentejn il-Kummissjoni żiedet b'mod konsiderevoli t-trasparenza u r-responsabilità lejn iċ-ċittadini tagħha[6], u dik tejbet il-kwalità tal-ħidma u l-proposti tagħna. Aħna issa qed infittxu l-opinjonijiet tal-pubbliku b'mod ġenerali, inkluż dwar abbozzi ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. Aħna miftuħa fir-rigward tar-rappreżentanti ta' interess li jfittxu li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet politiċi tagħna u stiednu lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill bħala koleġiżlaturi sabiex jingħaqdu magħha fi Ftehim Interistituzzjonali ġdid dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza[7] sabiex ikun hemm l-obbligu ta' rendikont liċ-ċittadini dwar il-lobbying fl-istadji kollha tal-leġiżlazzjoni Ewropea.

II. NIKSBU L-10 PRIJORITAJIET

Fis-sena li ġejja, il-Kummissjoni se taħdem fil-qafas tal-10 prijoritajiet deskritti fil-Linji Gwida Politiċi[8] – li ġew ippreżentati fil-bidu tal-mandat tagħna wara diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew u ispirati mill-"Aġenda strateġika għall-Unjoni fi żminijiet ta' bidla" tal-Kunsill Ewropew – li nimplimentaw aġenda pożittiva u mmirata li tikseb riżultati konkreti biex tipproteġi, tiddefendi, u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini[9].

1. Spinta ġdida għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment

Ewropa li tippriserva l-istil ta' ħajja tagħna u tagħti s-setgħa liż-żgħażagħ tagħna. Madwar tmien miljun impjieg iktar inħolqu matul dawn l-aħħar tliet snin, iżda l-qgħad għadu f'livelli għolja u inaċċettabbli f'bosta Stati Membri, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ. Il-prijorità tagħna trid tkun li ngħinu lill-Istati Membri joħolqu l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għaż-żgħażagħ tagħna sabiex jiżviluppaw il-ħiliet li jeħtieġu u jsiru attivi fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

L-għan tal-Inizjattiva dwar iż-Żgħażagħ il-ġdida tagħna hu li kull persuna żagħżugħa jinħtieġ li jkollha prospetti reali għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg. Aħna se nipprijoritizzaw liż-

[4] Anness V.
[5] Anness IV.
[6] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25.11.2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li jsiru bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni u organizzazzjonijiet jew persuni impjegati għal rashom (C(2014) 9051 final) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25.11.2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li jsiru bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni u organizzazzjonijiet jew persuni impjegati għal rashom (C(2014) 9048 final).
[7] COM(2016) 627 final.
[8] http://ec.europa.eu/priorities/publications/president-junckers-political-guidelines_mt
[9] F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tiffoka x-xogħol tagħha ta' komunikazzjoni fl-2017 fuq il-prijoritajiet tal-Kummissjoni, abbażi tal-azzjoni tal-komunikazzjoni korporattiva fl-2017-18 skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-2014-2020 (C(2016) 6838 tas-25.10.2016).

żgħażagħ fl-implimentazzjoni tal-Aġenda għal Ħiliet Ġodda għall-Ewropa. Il-proposti se jindirizzaw l-immodernizzar tal-edukazzjoni, it-titjib tal-kwalità tal-apprendistati u l-iżvilupp ulterjuri tal-mobbiltà tal-apprendisti, u t-traċċar tal-eżiti għaż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol ġaladarba jkunu temmew it-taħriġ vokazzjonali jew akkademiku tagħhom. Aħna qed insaħħu wkoll il-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala għodda biex ninvestu fiż-żgħażagħ, fil-ħiliet tagħhom u l-ewwel passi tagħhom tul il-karriera[10], kif ukoll l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ[11]. Din se tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri billi jintlaħqu r-reġjuni u ż-żgħażagħ li huma l-aktar fil-bżonn.

Aħna se nniedu l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà sa tmiem l-2016 li se joħloq opportunitajiet għal min għandu inqas minn 30 sena biex jikkontribwixxi b'mod attiv fis-soċjetà fi spirtu ta' solidarjetà, u jakkwista ħiliet u esperjenzi ġodda, inklużi ħiliet lingwistiċi, matul il-proċess.

Huwa permezz tal-innovazzjoni u l-investiment proprju fl-ekonomiji tagħna li l-kumpaniji joħolqu l-impjiegi. Filwaqt li tibni fuq is-suċċess inizjali tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa[12], il-Kummissjoni hija impenjata li tirdoppja kemm id-durata kif ukoll il-kapaċità finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS). Kien hemm qbil fuq il-Fond oriġinali mill-koleġiżlatur fiż-żmien rekord ta' erba' xhur u nofs u l-Kummissjoni tibbaża fuq kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill sabiex jiżguraw li jintlaħaq qbil daqstant ieħor rapidu dwar l-estensjoni u t-tisħiħ tiegħu, u b'hekk jissaħħaħ l-investiment sostenibbli. Ispirata mis-suċċess tal-FEIS, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll Pjan ta' Investiment Estern għall-Afrika u l-Viċinat tal-UE sabiex tindirizza xi wħud mill-kawżi primarji tal-migrazzjoni u tippromwovi l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku f'dawn ir-reġjuni[13].

Aħna se nkomplu naħdmu biex noħolqu l-aħjar klima għall-innovazzjoni fl-Ewropa, biex ngħinu noħolqu impjiegi u industriji ġodda, nindirizzaw l-isfidi soċjetali u ambjentali u ntejbu l-ħajja tan-nies. Permezz tal-integrazzjoni tal-innovazzjoni madwar il-politiki kollha tal-Unjoni u l-immirar tal-fondi tagħna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-fondi strutturali u ta' investiment b'mod effettiv, l-għan tagħna huwa li l-Ewropa tkun minn ta' quddiem f'teknoloġiji u metodi ta' negozju ġodda, inkluż permezz ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. L-ekonomija ċirkolari toffri potenzjal kbir ta' innovazzjoni, tkabbir u impjiegi. Il-Kummissjoni se tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari billi jtejjeb l-ekonomija, il-kwalità u l-l-firxa tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-plastik fl-UE u t-tnaqqis tat-tnixxija tal-plastik fl-ambjent. Se nippreżentaw ukoll proposta leġiżlattiva dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità minimi għal ilma li jerġa' jintuża u reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb b'segwitu tal-evalwazzjoni REFIT u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

[10] COM(2016) 646 final.

[11] Biex inkomplu nappoġġaw l-implimentazzjoni fil-prattika, aħna riċentement ipproponejna li nżidu l-finanzjament eżistenti għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ b'ammont addizzjonali ta' EUR 2 biljun għall-2017-2020.

[12] Kif imsemmi hawn fuq, f'sena biss, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ġie attivat f'27 Stat Membru u wassal għal EUR 138 biljun f'investimenti, inkluż finanzjament ġdid għal kważi 300 000 intrapriża żgħira u ta' daqs medju.

[13] COM(2016) 581 final.

"Right2Water". Aħna se niżviluppaw qafas ta' monitoraġġ biex niżguraw li l-progress lejn l-ambizzjonijiet tagħna għal ekonomija ċirkolari jinsab fit-triq it-tajba u qed iwassal il-benefiċċji ta' tisħiħ reċiproku kemm għall-ambjent kif ukoll għat-tkabbir ekonomiku tagħna.

Is-Semestru Ewropew 2017 se jkompli jenfasizza l-miżuri meħtieġa li l-Istati Membri jinħtieġ li jieħdu sabiex iwasslu investiment, finanzi pubbliċi sodi u riforma strutturali. Fir-rakkomandazzjoni li jmiss tagħha dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-Żona tal-Euro, b'appoġġ għall-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew. Abbażi tal-analiżi li tinsab fir-rapporti tal-pajjiżi li għandhom jiġu adottati fi Frar, il-Kummissjoni se tiżviluppa serje oħra ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li għandhom jiġu proposti lill-Kunsill f'Mejju.

Aħna se nsegwu fuq il-proposta tagħna li nirrevedu l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2014–2020)[14] mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill. L-ambizzjoni tagħna hija baġit rivedut li jsaħħaħ l-appoġġ għal prijoritajiet tal-Unjoni u jkun kapaċi aktar jirreaġixxi malajr għal ċirkostanzi mhux previsti, b'regoli ssimplifikati għall-benefiċjarji u enfasi msaħħa fuq ir-riżultati. Imbagħad issegwi proposta komprensiva għall-qafas futur lil hin mill-2020, inkluż dwar ir-riżorsi proprji. Din il-proposta se tkun iggwidata mill-prinċipju tal-inizjattiva "baġit tal-UE iffukat fuq ir-riżultati" u tirrifletti l-isfidi tal-ġejjieni u l-ħtiġijiet tal-Unjoni wara l-2020 abbażi ta' valutazzjoni tal-politika u l-istrumenti ta' nfiq eżistenti.

Il-Kummissjoni se tkompli l-ħidma u tikkonsulta b'mod wiesa' dwar is-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni sabiex tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-10 prijoritajiet tal-Kummissjoni u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Din se tiffoka fuq prijoritajiet speċifiċi ta' politika għall-futur, filwaqt li tikkunsidra l-opinjoni tal-Pjattaforma REFIT, u mingħajr preġudizzju għall-proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali. F'dak li jirrigwarda l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, fid-dawl tal-eżitu tal-ħidma dejjem għaddejja ta' Task Force dwar is-Swieq Agrikoli u l-Forum ta' Livell Għoli dwar il-katina tal-provvista tal-ikel, il-Kummissjoni se tikkunsidra azzjonijiet ulterjuri kif meħtieġ.

2. Suq Uniku Diġitali Konness

Ewropa li tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u n-negozji. It-teknoloġiji diġitali u l-komunikazzjonijiet diġitali huma mifruxa f'kull aspett tal-ħajja, u ħolqu opportunitajiet ġodda għall-kreattività, in-negozju u l-impjiegi, iżda wkoll jenfasizzaw il-ħtieġa għal fiduċja u ċ-ċibersigurtà. Ir-rilaxx sħiħ tal-potenzjal għat-tkabbir addizzjonali ta' Suq Uniku Diġitali billi titlesta l-implimentazzjoni tal-Istrateġija se jibqa' prijorità għolja fl-aġenda tal-2017. Kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tas-sena l-oħra se nwettqu l-proposti li fadal matul il-ftit xhur li ġejjin, bħall-pakkett REFIT tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jkopri proposti dwar kummerċ elettroniku, kotba elettroniċi u pubblikazzjonijiet elettroniċi u inizjattivi dwar il-promozzjoni tal-ekonomija tad-*data* inkluż l-indirizzar ta' ostakli mhux ġustifikati għall-fluss liberu tad-*data* fl-Ewropa.

---

[14] COM(2016) 603 final.

Aħna se nagħtu attenzjoni partikolari li naħdmu mill-qrib mal-koleġiżlaturi sabiex navvanzaw malajr fir-rigward tal-proposti li diġà ġew ippreżentati. Dawn jinkludu kuntratti diġitali[15], drittijiet tal-awtur[16], imblukkar ġeografiku[17], portabbiltà[18], konsenja tal-pakketti[19], servizzi tal-midja awdjoviżivi[20], telekomunikazzjonijiet[21], l-użu tal-banda ta' frekwenza 700MHz għas-servizzi mobbli[22], u l-proposta riċenti tagħha dwar WiFi4EU[23]. Il-konnettività hija essenzjali, u l-Kummissjoni se twettaq il-wegħda tagħha sabiex tabbolixxi t-tariffi tar-roaming mobbli sa nofs l-2017. Aħna se nanalizzaw il-progress li sar sabiex jitlesta s-Suq Uniku Diġitali u se nidentifikaw fejn huma meħtieġa sforzi ulterjuri mill-koleġiżlaturi u fejn ikun hemm bżonn aktar proposti.

3. Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti li jkollha Politika Progressiva dwar it-Tibdil tal-Klima

Ewropa li tieħu responsabbiltà għat-twettiq tal-wegħdiet magħmula. Ir-ratifika rapida tal-ftehim ta' Pariġi wriet li l-Istati Membri kapaċi jsibu bażi komuni fejn huwa ċar li jekk naġixxu flimkien l-impatt tal-Unjoni jkun ikbar milli sempliċiment kieku kulħadd jaġixxi għal rasu. Barra minn hekk, ikkonfermat ir-rwol ewlieni globali tal-UE dwar it-tibdil fil-klima. It-twettiq tal-impenji tagħna issa huwa meħtieġ biex isarraf f'realtà l-modernizzazzjoni tal-ekonomija tagħna filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta. L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-ftehim internazzjonali dwar l-emissjonijiet mill-inġenji tal-ajru (l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali) hija prijorità hawnhekk.

Kif tħabbar diġà, aħna se nkomplu nwettqu l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna u tippreżenta, sa tmiem din is-sena, pakkett komprensiv immirat sabiex tiġi ġestita l-modernizzazzjoni tal-ekonomija billi l-effiċjenza enerġetika titpoġġa l-ewwel, bl-ambizzjoni li nsiru l-mexxej dinji fl-enerġiji rinnovabbli u nipprovdu trattament ġust għall-konsumaturi. Dan se jinkludi miżuri leġiżlattivi dwar l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, inkluża s-sostenibbiltà tal-bijoenerġija, id-disinn tas-suq tal-elettriku u r-regoli ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija. Inizjattiva favur l-Innovazzjoni għall-Aċċellerazzjoni tal-Enerġija Nadifa se tappoġġa r-riċerka u l-adozzjoni mis-suq tal-innovazzjoni teknoloġika meħtieġa għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi u l-miri tagħna tal-2030. Il-proposti leġiżlattivi kollha relatati mal-Unjoni tal-Enerġija ppreżentati mill-Kummissjoni fl-2015 u l-2016 jinħtieġu jiġu indirizzati bħala prijorità mill-Parlament u l-Kunsill. Dawn jinkludu l-pakkett imsemmi hawn fuq, is-sigurtà tal-pakkett tal-provvista tal-gass[24], l-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet[25] u r-regoli relatati dwar il-kondiviżjoni tal-isforz[26] u l-użu tal-art u l-forestrija[27].

[15] COM(2015) 634 final, COM(2015) 635/2 final.
[16] COM(2016) 593 final, COM(2016) 594 final, COM(2016) 595 final, COM(2016) 596 final.
[17] COM(2016) 289 final.
[18] COM(2015) 627 final.
[19] COM(2016) 285 final.
[20] COM(2016) 287 final.
[21] COM(2016) 590 final, COM(2016) 591final.
[22] COM(2016) 43 final.
[23] COM(2016) 589 final.
[24] COM(2016) 52 final u COM(2016) 53 final/2.
[25] COM(2015) 337 final/2.

Aħna se nsegwu wkoll fuq l-Istrateġija tagħna dwar il-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi ppreżentata f'Lulju. L-għan se jkun li tiżdied l-effiċjenza tat-trasport billi nirrispondu għall-bżonnijiet ta' mobbiltà ta' persuni u oġġetti u nippromwovu t-tnaqqis tal-emissjonijiet, inkluża tranżizzjoni gradwali lejn vetturi b'emissjonijiet żero, li żżid ukoll il-kompettitività tal-industrija. Sabiex dan jinkiseb, bħala l-ewwel pass se nippreżentaw reviżjonijiet REFIT għar-Regolamenti tal-karozzi u l-vetturi kummerċjali ħfief, u nippreżentaw strateġiji li jistabbilixxi standards ta' emissjonijiet żero u baxxi wara l-2020, u għad-Direttiva dwar vetturi nodfa biex itejjeb l-inċentivi u r-regoli ta' akkwist. Billi napplikaw il-prinċipju li l-utent u min iniġġes iħallas, biħsiebna li nipproponu titjib għal dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jużaw in-nollijiet tat-toroq, inkluża l-interoperabbiltà tas-servizzi elettroniċi tan-nollijiet.

4. Suq Intern Aktar Ġust u Aktar Profond b'Bażi Industrijali Msaħħa

Ewropa li tagħti kontribut kbir għall-impjiegi u t-tkabbir, u tiddefendi l-industrija tagħha, Il-moviment liberu tal-oġġetti, il-persuni, is-servizzi u l-kapital huwa l-bażi s-saħħa ekonomika tal-Ewropa. Għandna l-ikbar suq uniku fid-dinja, kif ukoll ir-riformi stipulati fl-Istrateġija tas-Suq Uniku huma intiżi li jirrilaxxaw il-potenzjal sħiħ tiegħu. F'sinerġija mal-istrateġiji l-oħra tagħna, dan se joħloq il-kundizzjonijiet tajba għall-kompetittività sostenibbli tal-ekonomija Ewropea u jappoġġa l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni industrijali.

Ir-riżultati futuri, diġà mħabbra, ikopru azzjonijiet sabiex jiġu megħjuna jikbru l-SMEs u n-negozji l-ġodda, Pakkett ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali u Pakkett ta' Servizzi sabiex jiġu indirizzati l-ostakli fis-suq tas-servizzi. Se nippreżentaw inizjattiva dwar il-liġi tal-kumpaniji biex inħaffu l-użu tat-teknoloġiji diġitali tul il-fażijiet kollha ta' kumpanija u għaqdiet u diviżjonijiet transfruntieri.

Is-sena d-dieħla, il-Kummissjoni se tieħu azzjoni biex issaħħaħ is-suq uniku tal-oġġetti, partikularment billi tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku u tindirizza l-ammont dejjem jikber ta' prodotti mhux konformi fis-suq tal-UE permezz tar-reviżjonijiet REFIT tal-leġiżlazzjoni rilevanti. Dan se jippermetti lill-intraprendituri li joffru l-prodotti tagħhom b'mod aktar faċli bejn il-fruntieri filwaqt li joffri inċentivi biex tissaħħaħ il-konformità regolatorja u jiġu ristawrati kundizzjonijiet ekwi għall-benefiċċju tan-negozji u ċ-ċittadini. Aħna se nintroduċu wkoll inizjattiva ta' valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa kkoordinati.

Waqt li tibni fuq l-Istrateġija għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, il-Kummissjoni se taħdem b'mod integrat fuq il-mobbiltà, il-konnettività u l-futur tal-industrija tal-karozzi, li teħtieġ tilħaq sfidi strutturali u terġa' tibni l-fiduċja fl-impenn u l-kapaċità tagħha li tindirizza l-emissjonijiet tal-karozzi. B'mod partikolari, se nkomplu l-ħidma fuq l-ambjent regolatorju, il-bini ta' ekosistemi, l-effiċjenza tar-riżorsi u l-istandardizzazzjoni sabiex niffaċilitaw l-introduzzjoni fis-suq ta' vetturi aktar effiċjenti awtonomi u konnessi.

Fir-rigward tal-industrija tal-ispazju, bħala segwitu għal Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża u l-Istrateġija dwar l-Ispazju għall-Ewropa , fl-2017 il-Kummissjoni se tipproponi

[26] COM(2016) 482 final/2.
[27] COM(2016) 479 final.

inizjattiva biex tiżgura servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita affidabbli, sikuri u kosteffikaċi lill-awtoritajiet pubbliċi (GOVSATCOM — komunikazzjoni governattiva bis-satellita) kif ukoll miżuri li jiffaċilitaw id-dħul fis-suq ta' servizzi spazjali u *data*.

L-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku huwa essenzjali sabiex jiżgura li dawn jaħdmu fil-prattika. Fl-2017, il-Kummissjoni se tipproponi, bħala parti minn enfasi usa' fuq l-infurzar, proposti sabiex taġġorna u tirrazzjonalizza l-istrumenti għar-riżoluzzjoni tal-problemi, bħan-netwerk SOLVIT, u tippromwovi s-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini u l-kumpaniji dwar id-drittijiet tagħhom. Dan se jinkludi l-Għodda ta' Informazzjoni dwar is-Suq Uniku u l-Portal Diġitali Uniku biex jappoġġaw in-negozji u jgħinuhom jiżviluppaw attivitajiet transfruntieri fis-Suq Uniku filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Pjattaforma REFIT. Se jsiru proposti biex tkompli tingħata s-setgħa lill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni biex ikunu infurzaturi iktar effettivi tar-regoli li jiggarantixxu ambjent kompetittiv fis-Suq Uniku.

B'konformità mat-talba tal-Kunsill Ewropew biex isir progress rapidu sabiex jiġi żgurat aċċess aktar faċli għall-finanzi għan-negozju u jiġi appoġġat l-investiment fl-ekonomija reali, il-Kummissjoni se tippreżenta reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li tidentifika l-ostakli li baqa' u kwalunkwe miżuri addizzjonali meħtieġa. Aħna se nipproponu prodott tal-pensjoni personali tal-UE sempliċi, effiċjenti u kompetittiv bil-għan li nnaqqsu l-ostakli għall-forniment ta' servizzi transfruntieri tal-pensjoni u nżidu l-kompetizzjoni bejn dawk li jipprovdu l-pensjonijiet, reviżjoni REFIT tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (European Market Infrastructure Regulation, EMIR), strateġija dwar finanzi sostenibbli, miżuri sabiex jiffaċilitaw il-finanzjament ta' korporattivi tal-infrastruttura u pjan ta' azzjoni għas-servizzi finanzjarji bl-imnut li jegħleb l-ostakli nazzjonali li jżommu lill-konsumaturi milli jiksbu l-aqwa valur, għażla u prezzijiet u milli jibbenefikaw minn teknoloġiji ġodda. Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll segwitu dwar sejħa għall-evidenza dwar l-impatt kumulattiv ta' leġiżlazzjoni finanzjarja filwaqt li titqies ukoll l-opinjoni tal-Pjattaforma REFIT dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar. U aħna se nippreżentaw il-proposti li fadal li diġà ġew imħabbra, inkluża l-leġiżlazzjoni dwar ir-ristrutturazzjoni tan-negozju u t-tieni opportunità biex jiġi żgurat li meta n-negozju jfalli jiġu stralċjati b'mod ġust u effiċjenti u l-intraprendituri jingħataw bidu ġdid.

Ambjent tat-taxxa sod irid ikun sempliċi u effiċjenti għall-kumpaniji li joperaw bejn il-fruntieri filwaqt li jiżguraw li dawn il-kumpaniji qed jikkontribwixxu b'mod ġust u effettiv għat-taxxi fil-postijiet fejn jagħmlu l-profitti tagħhom. B'mod parallel ma' dan il-Programm ta' Ħidma, il-Kummissjoni qed tniedi mill-ġdid il-Bażi Komuni Kkonsolidata tat-Taxxa Korporattiva b'bażi tat-taxxa komuni obbligatorja bħala l-ewwel pass[28]. Il-Kummissjoni qed tippreżenta wkoll aktar miżuri kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, inkluż permezz ta' pajjiżi terzi[29]. Filwaqt li titqies il-konsultazzjoni li għaddejja, miżuri addizzjonali fil-qasam tat-trasparenza fiskali matul is-sena d-dieħla jistgħu jinkludu proposta biex jiżdiedu s-sorveljanza tal-promoturi u l-faċilitaturi ta' iskemi ta' ppjanar tat-taxxa aggressiv. Bħala element ewlieni ta' strateġija esterna għal tassazzjoni effettiva, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tiffinalizza lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jonqsu milli jikkonformaw

[28] COM(2016) 683 u COM(2016) 685.
[29] COM(2016) 686 u COM(2016) 687.

ma' standards internazzjonali ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-aħjar prattiki kontra t-trasferiment tal-profitt u l-erożjoni tal-bażi.

Kull sena, frodi transfruntieri fuq il-VAT jiswew lill-kontribwenti tat-taxxi fl-Istati Membri tagħna madwar EUR 50 biljun. Fl-istess ħin, il-piż amministrattiv ta' konformità tal-VAT għal negozji żgħar huwa għoli u l-innovazzjoni teknika tippreżenta sfidi ġodda għall-ġbir effettiv tat-taxxa. Għaldaqstant il-Kummissjoni se tippreżenta miżuri biex timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT, biex tissimplifika l-VAT għal kumpaniji iżgħar u tistabbilixxi s-sisien għal sistema definittiva tal-VAT aktar moderna, effiċjenti, reżistenti għall-frodi u favorevoli għall-kummerċ madwar l-Ewropa, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet tal-Pjattaforma REFIT. Approċċ aktar effettiv u proporzjonat lejn ir-rati tal-VAT huwa element ewlieni ta' din ir-riforma.

5. Unjoni Ekonomika u Monetarja Aktar Profonda u Aktar Ġusta

Ewropa li tipproteġi l-ekonomiji tagħna u tiżgura kompetizzjoni ġusta għall-ħaddiema u l-intrapriżi. Bħala munita globali stabbilita l-euro ġġib benefiċċji ekonomiċi kbar u spiss inviżibbli. Il-pajjiżi taż-żona euro ffrankaw EUR 50 biljun din is-sena f'pagamenti ta' imgħax fuq id-dejn tagħhom, permezz ta' rati ta' interessi baxxi u l-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Kummissjoni tappoġġa l-ambizzjoni u l-pjanijiet direzzjonali ppreżentati fir-rapport tal-Ħames Presidenti dwar it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM).

Il-White Paper dwar il-Futur tal-Ewropa li tistabbilixxi passi konkreti dwar kif għandha tiġi rriformata UE ta' 27 Stat Membru 60 sena wara t-Trattati ta' Ruma se tinkludi wkoll il-futur tal-UEM biex tipprepara t-tieni fażi tal-approfondiment tal-UEM fil-kuntest ġdid politiku u demokratiku, inkluż rieżami orjentat lejn l-istabbiltà tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u s-segwitu għall-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (li tinkorpora s-sustanza tat-Trattat fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea). Aħna se nirrieżaminaw ukoll is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) li ssaħħaħ l-effettività u l-effiċjenza ta' superviżjoni kemm fil-livell prudenzjali makro kif ukoll dak mikro. L-adozzjoni tal-proposta għal rappreżentanza unifikata taż-żona tal-ewro fil-Fond Monetarju Internazzjonali[30] jenħtieġ li jkunu aċċelerati.

It-tlestija tal-Unjoni Bankarja u f'dak il-kuntest, l-ilħiq ta' qbil dwar il-proposta għal Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti komuni[31], tibqa' prijorità. Il-Kummissjoni, fid-dawl tal-aħħar konsiderazzjonijiet f'livell internazzjonali, se tirrieżamina wkoll partijiet mill-leġiżlazzjoni bankarja u tipproponi emendi mmirati lejn ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti Kapitali u d-Direttiva, kif ukoll id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek, sabiex tagħmel il-banek iktar reżiljenti filwaqt li tissimplifika r-regoli għal dawk b'mudell tal-negozju anqas kumpless, tippromwovi l-investiment, speċjalment fl-SMEs, u ssaħħaħ miżuri eżistenti tat-tnaqqis tar-riskju b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-istandards globali dwar il-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf għall-banek sistemiċi. Iż-żieda tal-

[30] COM(2015) 603 final.
[31] COM(2015) 586 final/2.

progress fit-twettiq tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa fundamentali biex jitħeġġeġ livell ogħla ta' kondiviżjoni tar-riskju fis-settur privat fl-UEM. L-adozzjoni ta' proposti pendenti dwar it-titolizzazzjoni[32] u l-prospett[33] irid jiġi aċċellerat.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tippromwovi konverġenza soċjali vertikali u li ssaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-integrazzjoni Ewropea. Abbażi tal-evidenza miġbura permezz tal-konsultazzjoni pubblika ta' din is-sena, aħna se nipproponu Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jistabbilixxi prinċipji għal Unjoni mibnija fuq il-ġustizzja soċjali. Il-Pilastru se jistabbilixxi qafas ta' prinċipji għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta f'ekonomija tas-suq soċjali Ewropea. Dan se joffri politika fiskali għal swieq tax-xogħol ġusti u dinamiċi, fejn kulħadd ikollu ċ-ċans li jagħmel użu tat-talent tagħhom, u għal sistema li jkunu sostenibbli, jaħdmu tajjeb u li jirriflettu r-realtajiet jinbidlu b'rata mgħaġġla ta' llum. Se jkun akkumpanjat minn inizjattivi relatati, bħal inizjattivi li jindirizzaw l-isfidi ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-familji tal-ħaddiema.

6. Il-kummerċ: Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Raġonevoli u Bbilanċjat mal-Istati Uniti

Ewropa miftuħa u li tinnegozja mas-sħab tagħna filwaqt li ssaħħaħ l-istrumenti għad-difiża tagħha. Fl-ekonomija globali tal-lum, il-kummerċ huwa essenzjali għat-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività. Il-kummerċ jissarraf f'xogħlijiet – għal kull EUR 1 biljun li niksbu f'esportazzjonijiet, 14 000 impjieg addizzjonali jinħolqu madwar l-UE. U aktar minn 30 miljun impjieg, wieħed minn kull seba' impjiegi fl-UE, issa jiddependu fuq l-esportazzjonijiet lejn il-bqija tad-dinja. Huwa għalhekk li l-UE tibqa' impenjata għal sistema kummerċjali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli.

Filwaqt li tibni fuq in-netwerk tal-Unjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles li rnexxiet, il-Kummissjoni se tkompli n-negozjati mal-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Mercosur, il-Messiku, it-Tuneżija u l-pajjiżi tal-ASEAN. Aħna se nfittxu mandati ġodda sabiex nifthu n-negozjati mat-Turkija, l-Awstralja, New Zealand u ċ-Ċilì. Aħna se nkomplu naħdmu fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), inkluż ftehimiet plurilaterali, kif ukoll għal ratifika rapida tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (Comprehensive Economic and Trade Agreement, CETA) mal-Kanada.

Aħna impenjati wkoll biex niżguraw li l-kummerċ jibqa' ġust billi naġġornaw u nimmodernizzaw l-istrumenti ta' difiża kummerċjali tal-Ewropa sabiex niżguraw li dawn ikunu kompletament sostenibbli fid-dawl ta' sfidi ekonomiċi ġodda bħall-kapaċità żejda u t-tibdil fir-realtajiet legali, bħalma huma l-iskadenza ta' ċerti protokolli ta' adeżjoni tad-WTO. Issa huwa urġenti li l-Kunsill isolvi l-istaġnar tal-proposta tagħna tal-2013 sabiex jiġu mmodernizzati l-Istrumenti tal-Ħarsien tal-Kummerċ, inkluża riforma tar-regola tad-dazju inferjuri[34]. Fil-21 ta' Ottubru 2016, il-Kunsill Ewropew appella għal azzjoni urġenti u ftehim ibbilanċjat dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill għal modernizzazzjoni komprensiva tal-istrumenti ta' difiża kummerċjali kollha sal-aħħar tal-2016.

[32] COM(2015) 472 final/2.
[33] COM(2015) 583 final.
[34] COM(2013) 192 final.

Meta tqis il-valuri komuni bejn l-UE u l-Istati Uniti, kif ukoll l-importanza strateġika, politika u ekonomika tar-relazzjoni transatlantika, il-Kummissjoni tinsab lesta biex tikkonkludi Ftehim ta' Sħubija ta' Kummerċ u Investiment ambizzjuż, ibbilanċjat u ta' standards għoljin. Minħabba l-elezzjonijiet li ġejjin fl-Istati Uniti u t-tnaqqis inevitabbli fil-pass tan-negozjati, iż-żewġ partijiet se jagħmlu ħilithom biex jikkonsolidaw il-progress li ntlaħaq sa issa. Il-Kummissjoni tinsab lesta li timpenja ruħha mal-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti malajr kemm jista' jkun abbażi tal-mandat mogħti lill-Kummissjoni, li reġa' ġie kkonfermat mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Ottubru 2016[35].

Il-Kummissjoni se jkollha wkoll irwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Forum Globali dwar il-kapaċità żejda tal-azzar, taħt l-awspiċju tal-G20.

7. Żona ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali Bbażata fuq il-Fiduċja Reċiproka

Ewropa li tiddefendi u tippreserva l-valuri tal-libertà, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt. Is-sigurtà fil-fruntieri tagħna kif ukoll fi ħdanhom hija tħassib kruċjali u komuni fid-dawl tat-theddidiet attwali li qed taffaċċja l-Ewropa. It-theddida tat-terroriżmu qatt ma kienet tinħass daqshekk fl-Ewropa. Aħna biħsiebna nsegwu l-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà b'azzjonijiet li jwittu t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà u jsaħħu l-kontrolli fil-fruntieri tagħna. Din se tinkludi informazzjoni dwar Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS - European Travel Information and Authorisation System) sabiex ikun hemm kontroll awtomatizzat ta' ċittadini minn pajjiżi terzi eżentati mill-viża li biħsiebhom jivvjaġġaw fiż-Żona ta' Schengen, li se jikkomplementa s-sistema tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiż terz li l-Kummissjoni diġà ppproponiet[36] u li, flimkien mal-proposta tagħna ta' kontrolli sistematiċi fuq ċittadini tal-UE li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE, jinħtieġ li jintlaħaq qbil malajr[37]. Aħna se nippreżentaw ukoll titjib għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u se nagħmlu s-sistemi eżistenti u futuri tagħna tal-infurzar tal-liġi u ta' ġestjoni tal-fruntieri aktar interoperabbli, b'segwitu tal-ħidma li għaddejja fil-Grupp ta' Livell Għoli dwar sistemi ta' Informazzjoni u l-interoperabbiltà. U se nippreżentaw inizjattiva dwar l-aċċess għal evidenza elettronika, minħabba l-importanza dejjem tikber tagħha sabiex jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali effettivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

Fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tkompli timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, bi proposti dwar sanzjonijiet armonizzati sabiex jiġu evitati l-ħasil tal-flus, il-movimenti ta' flus illeċiti, il-kummerċ illeċitu ta' oġġetti kulturali u l-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali. Qed naħdmu wkoll sabiex nistimulawl-Europol u b'mod partikolari l-għoti ta' riżorsi liċ-Ċentru Ewropew Kontra t-Terroriżmu. Aħna se nirrappurtaw kull xahar dwar il-progress lejn Unjoni ta' Sigurtà[38] u se naħdmu mal-

---

[35] Il-Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew – Brussell, 20-21/10/2016, punt 14: "*…Hu jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tkompli n-negozjati mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti sabiex tkun kapaċi tippreżenta ftehim ta' kummerċ ħieles ambizzjuż, ibbilanċjat u komprensiv*".

[36] COM(2016) 194 final u COM(2016) 196 final.

[37] COM(2015) 670 final.

[38] L-ewwel rapport tal-Kummissjoni ta' progress lejn Unjoni ta' Sigurtà reali u effettiva ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2016 – COM(2016) 670 final.

Parlament Ewropew u l-Kunsill għal qbil f'waqtu dwar miżuri kontra l-abbuż tal-armi tan-nar u sabiex nikkriminalizzaw imġiba terrorista inkluż l-ivvjaġġar ta' ġellieda terroristi barranin.

Id-dritt għas-sigurtà qatt ma jista' jikkompromettu r-rispett ta' drittijiet fundamentali oħra, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali. Ir-Regolament Ewropew dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[39] se japplika mill-2018 u l-Kummissjoni se tiżgura li l-istess livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* personali jiġi estiż għall-istituzzjonijiet, korpi, aġenziji u uffiċċji. Fl-istess spirtu, il-Kummissjoni se tesplora wkoll deċiżjonijet ta' adegwatezza ġodda dwar l-iskambju ta' *data* personali ma' pajjiżi terzi sabiex tiżgura standards għoljin meta *data* personali tiġi trasferita lil pajjiżi terzi. Aħna se nippreżentaw rieżami REFIT tad-Direttiva dwar il-privatezza elettronika sabiex naġġornawha fid-dawl tal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u b'kont meħud tal-opinjoni tal-Pjattaforma REFIT. Aħna se nivvalutaw ukoll il-kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni ulterjuri jew orizzontali settorjali fil-livell tal-UE għall-protezzjoni tal-informaturi li jesponu kondotta illegali.

Aħna se nkomplu naħdmu għall-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li nieħu inkonsiderazzjoni b'mod totali l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. U billi sistemi ġudizzjarji effettivi u indipendenti jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku u jsostnu d-drittijiet fundamentali, se inkomplu naħdmu flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri biex nippromwovu u niddefendu l-istat tad-dritt.

8. Lejn Politika Ġdida dwar il-Migrazzjoni

Ewropa li tipproteġi l-fruntieri tagħna u twettaq politika ta' migrazzjoni responsabbli. Il-ġestjoni tal-flussi migratorji filwaqt li niżguraw li dawk li jkunu qed ifittxu rifuġju dejjem isibu rifuġju sikur hawnhekk tibqa' sfida ta' kuljum. Matul l-aħħar sena l-Kummissjoni aċċellerat il-ħidma mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni sabiex tippermetti reazzjoni rapida u koordinata għall-kriżi tar-refuġjati u tfassal qafas fit-tul ibbażat fuq is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Id-determinazzjoni tal-UE li tindirizza l-impatt tal-kriżi wassal għal involviment fuq il-post ta' kuljum bla preċedent. Il-Kummissjoni, l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri ħadmu flimkien biex isalvaw il-ħajjiet fuq il-baħar u biex jappoġġaw lill-Istati Membri l-aktar esposti. Aktar minn EUR 15-il biljun mill-baġit tal-UE ġew allokati lir-rispons tal-UE għall-kriżi tar-refuġjati. Id-dikjarazzjoni UE-Turkija qed turi li kienet pass deċiżiv biex jitwaqqaf il-kuntrabandu tal-migranti, iġġib ordni fil-flussi u tipprevjeni t-telf ta' ħajjiet. Fl-2017 il-Kummissjoni se ssostni l-intensità tal-ħidma tagħha sabiex tipprovdi appoġġ dirett lir-refuġjati u l-integrazzjoni tagħhom fil-komunitajiet ospitanti fl-Ewropa u f'pajjiżi terzi, ittejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-iktar żoni tal-fruntiera esposti, tiġġieled kontra l-kuntrabandu u t-traffikar tal-migranti, b'mod partikolari ta' minorenni mhux akkumpanjati, u fuq ir-ritorn tal-migranti irregolari.

[39] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) ĠU L 119 tal-4.5.2016.

F'żona ta' moviment ħieles intern, il-fruntieri esterni tagħna huma aktar minn qatt qabel kwistjoni ta' responsabbiltà komuni. Ittieħdu passi biex iż-Żona Schengen ta' moviment ħieles tal-persuni terġa' titpoġġa fuq it-triq lura għan-normalità. F'inqas minn sena l-UE bniet sistema permanenti biex tiżgura d-difiża tal-fruntieri u tipprevjeni u tindirizza dgħufijiet fil-kontrolli fuq persuni li jidħlu fl-UE permezz ta' Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta operattiva.

Il-kapaċità permanenti biex tiġi ġestita l-migrazzjoni b'mod kredibbli u sostenibbli tirrikjedi firxa sħiħa ta' strumenti ta' migrazzjoni li jkunu f'posthom. Il-pedamenti kollha meħtieġa issa jinsabu fuq il-mejda tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Adozzjoni rapida ta' proposti ewlenin, bħar-riforma tar-regoli ta' Dublin għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil[40], it-trasformazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil f'Aġenzija tal-UE għall-Asil kompluta[41], it-tisħiħ tal-Eurodac[42], il-qafas ġdid ta' risistemazzjoni[43], kif ukoll miżura għal migrazzjoni legali ġestita kif jixraq[44], hija essenzjali sabiex tipprovdi l-approċċ komprensiv u koerenti li l-Unjoni Ewropea teħtieġ sabiex tindirizza l-isfida tal-migrazzjoni.

Billi tibni fuq l-ewwel riżultati tal-Qafas ta' Sħubija riċenti ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[45], il-ħidma jeħtieġ li titmexxa 'l quddiem mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex b'hekk il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni jkunu fil-qalba u kundizzjoni għall-kwalità ta' relazzjonijiet mas-sħab ewlenin kollha mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Il-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu bdew jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni aktar profonda dwar il-prevenzjoni ta' migrazzjoni irregolari u r-ritorn. Neħtieġu wkoll li nistabbilixxu mezzi legali effettivi fl-Unjoni, kemm jekk permezz tal-migrazzjoni legali jew risistemazzjoni.

Is-sena d-dieħla se naraw fiex wasalna fid-diversi linji ta' ħidma taħt l-Istrateġija, sabiex nipprovdu analiżi komprensiva tal-progress li sar lejn ġestjoni tal-migrazzjoni aktar effettiva u sostenibbli, u se nidentifikaw fejn aktar sforzi huma meħtieġa.

9. Attur Globali Aktar b'Saħħtu

Ewropa li tipproteġi tiddefendi wkoll l-interessi tagħna lil hinn mill-fruntieri tagħna. L-Ewropa hi setgħa ta' persważjoni ta' importanza globali. Permezz tal-Istrateġija Globali u l-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata, l-UE se tkompli tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa lis-sħab tagħha billi fl-istabbilizzazzjoni ekonomika u politika, ir-riformi u l-bini tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni se tkompli toħloq stabbiltà u prosperità konġunta mal-pajjiżi kandidati permezz tal-politika tagħha ta' tkabbir.

Madankollu, is-setgħa ta' persważjoni mhix biżżejjed f'dinja kunflittwali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tippreżenta aktar tard din is-sena Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża li se

[40] COM(2016) 270 final/2.
[41] COM(2016) 271 final.
[42] COM(2016) 272 final/2.
[43] COM(2016) 468 final.
[44] COM(2016) 378 final.
[45] COM(2016) 385 final.

jesplora kif politiki u strumenti tal-UE jistgħu jiżguraw li l-bażi industrijali u tal-ħiliet tkun tista' tipprovdi l-kapaċitajiet tad-difiża identifikati fid-dawl tal-isfidi attwali u futuri tas-sigurtà. Wara dan, il-Kummissjoni se tipproponi l-ħolqien ta’ Fond ta’ Difiża Ewropea sabiex tippromwovi r-riċerka u l-innovazzjoni u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u tistimula aktar l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet essenzjali ta’ difiża. Barra minn hekk, aktar miżuri se jkunu proposti fil-qasam tal-akkwist pubbliku tad-difiża.

Il-proposta pendenti tal-Kummissjoni biex jiġi emendat l-istrument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi għandha l-għan li tindirizza nuqqasijiet fil-kapaċità tal-Unjoni Ewropea biex tappoġġa lil pajjiżi sħab biex jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet waħedhom, b’mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet b’appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp. Minħabba t-theddidiet immedjati għall-istabbiltà u l-paċi u għalhekk għall-iżvilupp f’għadd ta’ pajjiżi sħab ewlenin, huwa importanti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw din il-proposta malajr.

L-Unjoni Ewropea se tkompli tagħmel ħilitha biex issolvi l-kunflitti u l-kriżijiet li għaddejjin fil-viċinat tagħha u lil hinn, u tikkontribwixxi għall-isforzi attwali tan-Nazzjonijiet Uniti u ta’ atturi internazzjonali oħra f’dan ir-rigward. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jadottaw Strateġija tal-UE għas-Sirja li se tistabbilixxi kif l-Ewropa tista’ tkompli tagħti appoġġ umanitarju u tikkontribwixxi għal tranżizzjoni politika, stabilizzazzjoni u rikostruzzjoni bil-ħsieb għall-bini mill-ġdid ta’ nazzjon paċifiku Sirjan u soċjetà ċivili tolleranti u pluralistika fis-Sirja.

L-Afrika se tibqa’ wieħed mis-sħab strateġiċi ewlenin tal-UE, u l-kriżi tar-refuġjati riċenti għal darb’oħra ssottolinjat l-importanza ta’ investiment f'relazzjonijiet sostenibbli u sodi mal-pajjiżi Afrikani, immexxijjin minn spirtu ta’ responsabbiltà kondiviża. Il-Qafas ta’ Sħubija u l-fondi speċifiċi mogħtija mill-Fond Fiduċjarju ta’ Emerġenza tal-UE għall-Afrika u l-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew ġdid (European External Investment Plan, EIP)[46] jirriflettu l-impenn tagħna li naħdmu id f’id mas-sħab tagħna Afrikani u li niffaċċjaw b’mod konġunt l-isfidi globali tagħna. Fid-dawl tal-Ħames Samit UE-Afrika li se jsir fi tmiem l-2017, aħna se nipproponu approċċ ġdid li jinħtieġ li jiddefinixxi l-għanijiet u l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE fir-relazzjonijiet tagħha mal-Afrika. Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-pilastru Afrikan tal-qafas ta' wara Cotonou, li l-Kummissjoni se tippreżenta dalwaqt, u jinħtieġ ukoll li jenfasizza l-importanza kruċjali fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħna ma’ sħab Afrikani.

Kif tħabbar diġà, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll tiġdid tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, li jallinja l-politika tal-iżvilupp tagħna mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, u jiżgura li din tilgħab il-parti sħiħa tagħha fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli.

10. Unjoni ta’ Tibdil Demokratiku

[46] COM(2016) 581 final.

Ewropa li tieħu responsabbiltà, tisma' u tagħti riżultati. Il-kisba ta' Unjoni ta' tibdil demokratiku – l-aktar globali mill-għaxar prijoritajiet li din il-Kummissjoni stipulat għaliha nnifisha – qatt ma kienet daqshekk urġenti. F'dan il-mument kritiku, il-futur tal-Unjoni se jiddependi fuq li nagħtu assigurazzjoni liċ-ċittadini Ewropej li flimkien aħna kapaċi nipproteġuhom, nagħtuhom is-setgħa u niddefenduhom, u ngħinu fil-bini ta' perspettiva pożittiva u sostenibbli għall-futur tagħhom.

Ir-regolamentazzjoni aħjar, l-akkontabilità u t-trasparenza jibqgħu fil-qalba tal-mudell tan-negozju ta' din il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jeħtieġu japplikaw dawn il-prinċipji b'mod konsistenti u impenjat jekk irridu nerġgħu niksbu l-fiduċja taċ-ċittadini tagħna. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex tiżgura li l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet jiġi implimentat bis-sħiħ u applikat, u se timpenja ruħha f'negozjati kostruttivi maż-żewġ istituzzjonijiet dwar il-proposta riċenti tagħna għal Reġistru ta' Trasparenza obbligatorju li jkopri l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll emendi għall-Ftehim Qafas mal-Parlament Ewropew sabiex jiżguraw li l-Membri tal-Kummissjoni jistgħu joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni se tipproponi leġiżlazzjoni biex tallinja atti eżistenti mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar atti delegati u ta' implimentazzjoni, u b'hekk telimina l-proċedura regolatorja bi skrutinju. Aħna se nivvalutaw ukoll il-leġittimità demokratika ta' proċeduri eżistenti għall-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni u tikkunsidra għażliet għat-tibdil ta' proċeduri eżistenti għall-adozzjoni ta' ċerti atti sekondarji.

Sabiex tiżgura li l-istrumenti legali tal-UE jkollhom l-effett mixtieq, il-Kummissjoni biħsiebha tintensifika l-isforzi tagħha dwar l-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-UE. Dan jinkludi l-pakkett ta' miżuri għal infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku, u fil-qasam ambjentali, proposta REFIT sabiex tissimplifika r-rappurtar ambjentali b'segwitu tal-Kontroll ta' Idoneità riċenti, u miżuri sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja u tappoġġa l-assigurazzjoni ta' konformità ambjentali fl-Istati Membri.

III. L-AĊĊELLERAZZJONI TAR-RIŻULTATI MILL-10 PRIJORITAJIET MIT-TLIET ISTITUZZJONIJIET

L-aġenda tagħna, varata mid-diskors tal-President dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2016[47], ma tirriflettix biss dak li smajna li ċ-ċittadini jistennew li l-UE tagħmel, u d-djalogu tagħna mal-Membri eletti direttament tal-Parlament Ewropew[48] u l-Kunsill fejn huma rrappreżentati l-gvernijiet nazzjonali kollha[49], kif ukoll il-fehmiet tal-Kumitat Ekonomiku u

---

[47] http://ec.europa.eu/priorities/state-union-2016_mt . Ara wkoll l-Ittra ta' Intenzjoni ffirmata mill-President u mill-Ewwel Viċi President u indirizzata lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Abbażi ta' dan, l-Ewwel Viċi President iddiskuta mal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali fl-20 ta' Settembru u l-Kummissjoni ltaqgħet mal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitat fit-3 u l-4 ta' Ottubru.

[48] http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2016-0312+0+DOC+XML+V0//MT

[49] L-ittra tal-4 ta' Ottubru mill-President tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali lill-President u l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni

Soċjali Ewropew[50] u l-Kumitat tar-Reġjuni[51], iżda hija wkoll allinjata kompletament mal-prijoritajiet identifikati mis-27 Kap ta' Stat jew Gvern f'Bratislava[52].

L-enfasi ta' din il-Kummissjoni matul is-sena li ġejja tinsab direttament fuq ir-riżultati, iżda ma nistgħux naslu waħedna. Id-djalogu kostruttiv tagħna mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill qabel il-preżentazzjoni ta' dan il-Programm ta' Ħidma żviluppa fehim komuni tal-prijoritajiet tal-ġejjieni, skont il-Ftehim Interistituzzjonali ġdid dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[53]. Il-Kummissjoni tqis dan il-Ftehim bħala impenn konġunt sabiex l-enfasi tkun fuq affarijiet kbar u urġenti, filwaqt li jsir sforz għal liġijiet proporzjonati u prevedibbli, sempliċi u bbażati fuq l-evidenza li jiksbu l-akbar benefiċċji għaċ-ċittadini u n-negozji.

Għaldaqstant, aħna ninsabu ħerqana li naħdmu fil-ġimgħat li ġejjin mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex jintlaħaq ftehim bejn it-tliet Presidenti dwar Dikjarazzjoni Konġunta li se tistipula l-objettivi u prijoritajiet ġenerali għas-sena 2017 u tidentifika l-proposti li jisthoqqilhom trattament prijoritarju fil-proċess leġiżlattiv. Dan huwa impenn ġdid konġunt skont il-Ftehim Interistituzzjonali[54]. Dan il-Programm ta' Ħidma jipprovdi bażi għal din ir-riflessjoni komuni u jenfasizza l-proposti pendenti[55] li l-Kummissjoni tqis li huwa importanti ħafna li jiġu avvanzati malajr, li tippermetti lill-Unjoni ssarraf il-proposti f'azzjoni u jagħtu riżultati fejn huma l-aktar meħtieġa.

---

[50] http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/eesc_contribution-to-ec--2017-workprogramme_en.pdf
[51] https://toad.cor.europa.eu/corwipdetail.aspx?folderpath=RESOL-VI%2f010&id=24254
[52] http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/09/16-bratislava-declaration-and-roadmap/
[53] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2016:123:FULL
[54] Il-punt 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
[55] Anness III.